# Minuti tal-35 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Il-35 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 2 ta' Jannar, 2013.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairman* is-Sur Norman Clews, is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Luciano Farrugia.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-34 laqgħa tal-Kumitat ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Dwar ix-xogħol li kellu jsir fi Triq Dun Salv Sciberras, is-Sur Bartolo ppropona li l-Kumitat jikteb lill-Perita Charlene Bonnici, Uffiċjal ta' Transport Malta, biex il-Kumitat ikun jaf eżatt jekk it-triq hix ser issir kollha.

Is-Sur Bartolo semma l-ilmenti li tressqu mis-Sur Luke Spiteri u talab li l-Kumitat jinforma lil dan ir-resident dwar il-passi li qed jittieħdu biex jiġu ndirizzati dawn l-ilmenti.

Item 4 – Korrisponenza

Is-Segretarju nforma lill-Kumitat li s-Sinjura Maria Elena Debattista naqset milli tattendi għal aktar minn terz ta' laqgħat fl-aħħar sitt xhur mit-13 ta' Ġunju, 2012 sal-14 ta' Diċembru, 2012 u għaldaqstant il-Kumitat irid jiddeċiedi jekk l-assenza tas-Sinjura Debattista kienetx skużabbli jew le u jekk il-post tas-Sinjura Debattista għandux jiġi dikjarat vakanti. Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat qabel unanimament li l-post tas-Sinjura Debattista m'għandux jiġi ddikjarat vakanti.

Inqrat ittra li l-Kumitat Amministrattiv kiteb lis-Sinjura Isabelle Camilleri Aquilina, uffiċjal responsabbli mill-iskemi fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Fl-ittra tiegħu l-Kumitat informa lis-Sinjura Aquilina li parti mix-xogħol fi Triq il-Marżebb ser jiġi finanzjat mill-Kunsill Lokali u l-Kumitat Amministrattiv flimkien peress illi l-ispiża teċċedi l-fondi li l-Kumitat għandu għad-dispożizzjoni tiegħu. Is-Sinjura Camilleri Aquilina għarrfet li kienet qed tieħu nota tal-kontenut tal-ittra tal-Kumitat.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat Amministrattiv approva unanimament li jsir ix-xogħol minn Magro Construction fuq it-taraġ li hemm fi Triq Ġdida fi Triq San Leonardu għall-prezz ta' €271.40.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sinjura Debattista talbet li titwaħħal mera fi Triq San Leonardu.

Is-Sur Bartolo talab li jitneħħew żewġ blokki tal-konkos li hemm fuq il-bankina fi Triq il-Farfett tal-Fejġel ma' Triq Victor Cauchi. Huwa talab ukoll li jinżebgħu mill-ġdid l-*istop signs* li hemm fi Triq il-Berebies.

Is-Sur Farrugia talab li terġa' titwaħħal bozza li hemm maqlugħa fil-bidu ta' Triq l-Għakrux u li nqalgħet minħabba xogħol ta' kostruzzjoni.

Is-Sur Clews fakkar dwar il-ħtieġa li kif il-Kumitat ikollu l-finanzi disponibbli, issir il-bankina fi Triq San Leonardu li kellha tiġi ffinanzjata bejn il-Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

Is-Sinjura Debattista talbet li tiġi rranġata t-trejqa li minn Triq il-Farfett tal-Fejġel twassal għal Triq iż-Żarżarell kif ukoll li jinqala' l-qasab li hemm mal-ġenb ta' din it-trejqa.

Is-Sur Agius talab li titwaħħal bozza ġdida fi Triq iż-Żagħrun minħabba nuqqas ta' dawl.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-36 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv li saret nhar il-Ħamis, 31 ta' Jannar, 2013.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*